*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,637, 27 ta' Awwissu, 2010*

*Taqsima B*

**A.L. 416 tal-2010**

# ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
# (KAP. 327)

## L-Ordinamenti tal-2010 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2005 għall-Għażla tal-Applikanti għad-Dħul fil-Kors Preparatorju għad-Diploma in Health Science taħt il-patroċinju tal-Istitut għall-Ħarsien tas-Saħħa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Istitut għall-Ħarsien tas-Saħħa bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

**It-Titolu**

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2010 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2005 għall-Għażla tal-Applikanti għad-Dħul fil-Kors Preparatorju għad-Diploma in Health Science u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2005 għall-Għażla tal-Applikanti għad-Dħul fil-Kors Preparatorju għad-Diploma in Health Science, taħt il-patroċinju tal-Istitut għall-Ħarsien tas-Saħħa, ippubblikati bħala Avviż Legali 298 tal-2005, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

**L-Applikabilità**

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2010 jew wara.

**L-Emenda għat-titolu tal-ordinamenti prinċipali**

3. It-titolu tal-ordinamenti prinċipali għandu jinbidel kif ġej:

"L-Ordinamenti tal-2010 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2005 għall-Għażla tal-Applikanti għad-Dħul fil-Kors Preparatorju għad-Diploma in Health Science taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenza".

**L-Emenda għall-ordinament 2 tal-ordinamenti prinċipali**

4. Minflok l-ordinament 2 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

**"L-Għażla tal-Applikanti**

2. (1) Kull meta n-numru tal-istudenti li jkunu jistgħu jidħlu għal xi qasam jew għall-oqsma ta' studju kollha jkun limitat mis-Senat skont il-provvedimenti tal-ordinament 9 tal-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Health Science, u n-numru ta' applikanti eliġibbli jaqbeż l-għadd ta' postijiet fil-kors, l-għażla tal-applikanti għandha ssir skont il-kriterji mniżżlin fl-ordinament 3.

(2) L-applikanti għall-kors preparatorju li jwassal għad-Diploma in Health Science Nursing li l-kwalifiki tagħhom ikunu miksuba sal-31 t'Awwissu ta' qabel ma jibda l-kors għandhom ikunu kkunsidrati l-ewwel.

(3) Jekk in-numru massimu ta' studenti għall-B.Sc. (Hons) Nursing ma jintlaħaqx, il-kumplament tal-applikanti għall-kors preparatorju li jwassal għal Diploma in Health Science Nursing li l-kwalifiki tagħhom ikunu miksuba sal-31 t'Awwissu ta' qabel ma jibda l-kors għandhom ikunu kkunsidrati wara li ssir l-għażla tal-applikanti għall-B.Sc. (Hons) in Nursing.

(4) L-applikanti għall-kors preparatorju li jwassal għad-Diploma in Health Science Nursing li l-kwalifiki tagħhom ikunu miksuba wara l-eżamijiet reparatorji li jsiru f'Settembru ta' qabel ma jibda l-kors għandhom ikunu kkunsidrati wara li l-għażla tal-applikanti skont il-paragrafu (3) ta' dan l-ordinament tkun intemmet."